QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

IMHALLEF

Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,
Mag. Jur. (Eur. Law)

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 517/15 AL

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar it-tnax ta' April tas-sena elfejn u disgha (12/04/2009) u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li illum ghadu minorenni;
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti n-Nutar Dr Margaret Heywood datat tletin ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (30/07/2010) (Vide kopja anness u markata Dok. 'A');
3. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ghal partijiet stess skont il-kuntratt ta' separazzjoni filwaqt li l-

manteniment pattwit ghat-tifel minuri dejjem thallas mill-missier u ma hemm l-ebda arretrati dovuti;

4. Illi ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni tal-partijiet;
5. Illi l-esponenti tiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi ghaldaqstant il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-Ligi sabiex jinghata d-divorzju;

Illi r-rikorrent tixtieq tiddivorzja u li z-zwieg taghha mal-intimat ghandu jigi mahlul;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jikkonferma illi hu m’ghandu l-ebda eccezzjoni xi iressaq fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti u jaqbel mal-fatti kif dikjarati minnha u mat-talbiet taghha;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Dicembru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Lulju 2010

u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.